MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 959/2003

**Michael Attard Limited**

**Vs**

**Avukat Dr Beppe Fenech Adami nominat b'digriet tal-4 ta' Gunju, 2003 bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Michael u Anne konjugi Coombes**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qieghda titlob lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf erba' mija u disghin lira Maltin (Lm1,490) rapprezentanti l-bilanc ta' import ta' (11) hdax-il kambjala skaduta, accettata u ffirmata mill-konvenuti.

Ra li permezz ta' digriet tal-4 ta' Gunju, 2003 l-Avukat Dr Beppe Fenech Adami gie nominat bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Kenneth u Anne konjugi Coombes.

Ra r-Rikors tal-5 t'April, 2004 u konsegwenti digriet li permezz tieghu isem il-konvenut 'Kenneth' thassar u gie sostitwit bl-isem 'Michael' u li sussegwentament l-atti gew debitament notifikati lill-Kuratur nomine.

Ra l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi gew esebiti kambjalijiet originali min-numru ghaxra (10) san-numru ghoxrin (20), it-tnejn inkluzi, li huma (11) hdax-il kambjala ta' valur ta' mija u tmienja u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm138.93c) kull wahda u b'hekk f'valur komplessiv superjuri ghal dak mitlub f'din il-kawza.

Ra li dawn il-kambjalijiet, *on the face of them*, gew iffirmati mill-konvenuti Michael Coombes u Anne Coombes u gew iffirmati wkoll mis-socjeta' attrici u li jissodisfaw il-kweziti l-ohra disposti fl-Art 123 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13).

Ra li m'hemm ebda eccezzjoni li tista' sservi ta' ostakolu ghad-determinazzjoni tal-vertenza u li ghalhekk il-kambjalijiet esibiti jservu bhala prova sodisfacenti ta' l-ezistenza tal-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici (Vide Charles Pool Vs Carmelo Mercieca Prim Awla per Imhallef R.C.Pace 29/9/03 Citazz 2744/97).

Sema' x-xhieda ta' Dr Reuben Farrugia ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ma thallasx.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici tidher gustifikata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija u disghin lira Maltin (Lm1,490) flimkien ma' l-ispejjez u l-interessi, mid-data ta' kull skadenza tal-kambjalijiet imsemmija sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------